## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

### Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 43/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Lawrence Sultana**
**(K.I. 3558G)**

**Illum, 23 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Lawrence Sultana**, ta' disgħa u ħamsin (59) sena, iben Carmel u Eucharistica nee' Sultana, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar is-16 ta' Jannar 1958, residenti fil-fond 'Fleur', Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, 1979, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 3558G, akkużat talli nhar it-30 ta' Ġunju 2017, għall-habta ta' 2.30 ta' filgħaxija, ġewwa r-residenza 'Fleur House', Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, 1979, Rabat, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

> Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Galea skont ma' ċċertifika Dr. Joseph Galea M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex;

Il-Qorti kienet mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà ta' Lawrence Galea u terzi persuni sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

Rat is-Sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Marzu 2023 fejn għall-motivi hemm spjegati, laqgħet it-tieni aggravju tal-appellant limitatament u rrevokat is-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, irrinvijat l-atti lil din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-hemm appellant jerġa jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien fiha immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi;

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-28 ta' Mejju 2018[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 214, 215, 217, 218 (kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018);
b. fl-artikoli 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

liema Artikoli nqraw fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018 fejn l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġudikat minn din il-Qorti.

Rat illi fil-21 ta' April 2023 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhom xejn x'iżidu ma dak diġà misjub fl-atti;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkonsidrat;

[1] A fol. 64 tal-atti proċesswali.

Illi l-akkużi odjerni jirrigwardjaw inċident fiżiku li seħħ bejn l-akkużat Lawrence Sultana u l-*parte ċivile* Lawrence Galea. Bħala retroxena jirriżulta illi l-*parte ċivile* kellu relazzjoni ma' bint l-akkużat Evangelique Sultana, li damet madwar tlett snin. Xi jiem qabel id-data tal-inċident, ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet u l-*parte ċivile* ried li jgħaddi jiġbor l-affarijiet li kien taha fir-relazzjoni mid-dar tagħha. L-inċident seħħ dakinhar li mar jiġbor l-affarijiet.

Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem din il-Qorti,[2] il-*parte ċivile* Lawrence Galea. qal li dakinhar tal-inċident hu kien ftiehem ma bint l-akkużat biex jgħaddi d-dar tagħha għall-ħabta tas-14:00hrs biex jiġbor dawn l-affarijiet. Jgħid li dakinhar, l-akkużat fetaħlu l-bieb u staqsieħ "hawnhekk x'ġejt tagħmel?". Il-*parte ċivile* qallu "ġejt għall-affarijiet, biex niġbor l-affarijiet" u l-akkużat qallu "itlaqli 'l barra għax naqtalek rasek barra". Il-*parte civile* qallu "hawnhekk ma ġejtx biex niġġieled jien" [iżda] "biex nirranġaw is-sitwazzjoni biex niġbor l-affarijiet". Skont il-*parte ċivile* dak il-ħin l-akkużat għaqqad il-ponn u qallu "ejja ħa naqtgħalek rasek barra" u ħebb għalih. Qal li tar għalih u biex jerħi kellu jaqbadlu l-parti tiegħu għax inkella ma riedx jerħi. X'ħin qamu, l-*parte ċivile* ra ħalq l-akkużat mimli demm u ra biċċa minn widnejh ma l-art. Qal li l-akkużat, li kien iżappap, mar jġib il-bastun biex jixħitulu u l-*parte ċivile* telaq jiġri lejn l-għassa ta' Victoria b'xokk kbir fuqu biex jagħmel rapport. Minn hemm hu mar l-Isptar sabiex jiddewwa. Hu ġie nfurmat li widnejh la darba tqaċċtet ma kienitx se tikber waħedha u li kien se jkollu bżonn intervent ta' kirurġija plastika. Qal ukoll li irrikorra għal għajnuna psikjatrika wara dan l-inċident. Mistoqsi dwar jekk l-akkużat qallux biex jitlaq mill-propjetà tiegħu, huwa wieġeb li qallu hekk, iżda baqa' ma telaqx meta hekk ġie ordnat mill-akkużat.

Illi fuq il-post marru PC 698 Shaun Tabone[3] u PC688 Josmar Micallef[4] li kkonfermaw li l-inċident seħħ fil-garage tal-akkużat. PC688 qal ukoll li meta mar fuq il-post innota lill-akkużat mimdud fuq xi sodda jew sufan sa x'ħin kienu qed ikellmuh. In kontro-eżami jgħid li milli jiftakar, l-akkużat kien mimdud għax kellu xokk fuqu.

---

[2] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Frar 2018, a fol. 29 tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta' Marzu 2018, a fol. 38 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta' Marzu 2018, a fol. 56 tal-atti proċesswali.

Illi mill-verżjoni mogħtija mill-partijiet a *tempo vergine* fir-rapport magħmul mal-pulizija[5] jirriżulta illi l-kliem li qallu l-akkużat kien "Itlaq 'l barra għax intik daqqa ta' ponn" u f'daqqa waħda beda jtieħ u gidimlu widnejħ. L-akkużat, min-naħa tiegħu jgħid li l-*parte ċivile* imbotta 'l-bieb u ħabat għaliħ u beda jagħtiħ. Jgħid li jista' jkun li fit-taqbida, ċ-ċinga tal-arloġġ qabdet mal-misluta tal-*parte ċivile* u tqaċċtitlu widintu. L-akkużat kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

Xehed Dr Michael Refalo[6], bħala tabib appuntat mill-Qorti fejn fir-rapport tiegħu jgħid li l-*parte civile* għandu parti mill-*lobule* tal-widna x-xellugija nieqsa, eżattament parti forma semi-ċirkulari b'dijametru ta' 1.6cm. Jgħid li t-toqba tal-misluta fl-istess widna għadha intatta. Jikkonkludi li l-ferita fil-widna tax-xellug, li hija rregolari, hija viżibbli minn distanza normali meta wieħed ikun qed jitkellem ma' persuna oħra.

Illi l-akkużat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri[7] fejn qal li dakinhar tal-inċident hu kien id-dar tiegħu flimkien mal-familja tiegħu meta għall-ħabta tat-15:00hrs ġie l-*parte ċivile* iħabbat id-dar. Hu fetaħlu mill-bieb tal-garage peress li jqattgħu ħafna ħin hemm u staqsieħ "x'ġara wenz?". Il-*parte ċivile* saqsieħ "fejn huma l-affarijiet tiegħi?" u hu saqsieħ "x' affarijiet huma?". L-akkużat sejjaħ lit-tifla li kienet fuq u staqsiha jekk kellhiex tlesti xi affarijiet għaliħ u qaltlu iva. Qaltlu li qalet lill-*parte civile* biex ma jiġix id-dar u meta tlestihomlu ċċempillu, tiltaqa' miegħu barra fit-triq u ttihomlu. Dak il-ħin, kompla l-akkużat, il-*parte ċivile* qabdu minn sidru beda jtieħ ġo sidru u remieħ għal dahru mal-art. L-akkużat qallu biex iħallieħ u biex jitlaq 'l barra jistenniha u l-*parte ċivile* reġa' qabdu minn sidru u taħ daqqa ġo sidru u reġa' remieħ mal-art. Qal li l-akkużat baqa' jtieħ u rnexxielu jqum minn taħtu u mbuttaħ 'l barra. Dwar il-fatt li parti mill-widnejn tal-*parte ċivile* inqatgħet, hu jgħid "ħabbattu mal-bieb tal-garaxx għax il-garaxx kienu għadu miftuħ u l-bieb tal-aluminium u waqt li kont qed nimbuttaħ forsi ħabat rasu mal-bieb u x'ġara ma nafx". Qal li l-akkużat reġa' qabdu minn sidru u taħ daqqa ta' sieq ġo rkoptejħ il-leminija u beda jheddu li se joqtlu. Sadanittant niżlu fil-garage

[5] Ara Dok ST1 a fol. 40 tal-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta' Marzu 2018, a fol. 43 tal-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda mogħtija fit-03 ta' Lulju 2018, a fol. 67 tal-atti proċesswali.

il-mara u t-tifla tal-akkużat u ferrquhom. L-akkużat kompla jgħajjarhom u jheddidhom filwaqt li telaq 'l barra mill-garage.

L-akkużat qal li x'ħin telaq il-*parte civile* ma rax demm u ċempel lill-pulizija biex jmorru. Qal li l-*parte civile* kien se jerġa jmur għaliħ iżda x'ħin semgħu ikellem lill-pulizija, telaq 'l hemm. Qal li l-pulizija marru fuq il-post però l-*parte civile* ma reġax mar. Qal li l-*parte ċivile* ċempillu fuq il-mobile waqt li kien hemm il-pulizija u kompla jheddu. Qal li hu għaddha l-mobile lill-pulizija li x'ħin staqsieħ minn kien, il-*parte ċivile* qata' l-linja. Hu nnega li gidimlu widnejħ u ma jafx kif il-*parte ċivile* tilef parti minn widnejħ. Innega li attakkaħ u li l-parte ċivile jaqbdu mill-parti privata biex jinħeles minn taħt idejħ. Xehed li bid-daqqa li qala' fl-irkoppa inqatgħawlu tlett ligaments u għandu wieħed minnhom ma jistax jerġa' jiġi f'postu għal għomru. Qal li waqt li kien qed itiħ il-*parte ċivile* kellu ċ-ċwievet tat-trukk f'idejħ.

Xehdet ukoll mart l-akkużat Maria Sultana[8] fejn qalet illi dakinhar tal-inċident huma kienu qegħdin d-dar meta ħabbat il-bieb u kien il-*parte ċivile*. Qalet li dan talab għall-affarijiet tiegħu u l-akkużat sejjaħ għat-tifla biex ittieħ l-affarijiet. Xehdet illi l-akkużat qallu biex joħroġ 'l barra u l-*parte ċivile* qabdu minn sidru u tefgħu fl-art. Qalet li l-akkużat qam u l-*parte ċivile* reġa' tefgħu ma' l-art u beda jtieħ kemm jiflaħ bis-sieq u qatgħalu l-ligament ta' rkopptejħ, ma setax jimxi u tkaxkar għal fuq is-sufan. Qalet li meta marret biex tferraqhom, il-*parte ċivile* qabad jagħtiha u jheddidha li ma kienitx se tara lil Santa Marija u li kellhom jimbottawħ 'l barra mid-dar. Qalet li waqt li kien qed jagħtihom, kellu ċavetta f'idejħ u filfatt għamlilha farrett fuq moħħha. Sofriet diversi tbenġil fuq ġisimha. Qalet li mbagħad niżlet it-tifla u qaltlu "jien għalxejn għedtlek biex id-dar ma tiġix?". It-tifla ċemplet ukoll lill-ambulanza. Sadanittant xi ħadd mill-ġirien ċempel lill-pulizija li rrikorrew fuq il-post iżda l-*parte ċivile* kien laħaq telaq. Qalet li l-*parte ċivile* ma reġax mar iżda meta l-akkużat kien l-isptar il-*parte ċivile* reġa ċempel u kellem lit-tifla u qalilha "mela intom ġibtu l-pulizija?" u hi qaltlu "le.... familja ħassarthieli!". Mistoqsija dwar kif ġiet nieqsa parti minn widnejħ, hi stqarret li ma tafx kif imma li bdew jimbottawħ ħafna fil-bieb biex ikeċċuħ. Qalet li ma kienx hemm dmija mal-art.

---

[8] Ara x-xhieda mogħtija fit-03 ta' Lulju 2018, a fol. 74 tal-atti proċesswali.

Xehdet ukoll it-tifla tal-akkużat, Evangelique Sultana[9] li qalet li hi kienet f'relazzjoni mal-parte ċivile u li din intemmet. Dakinhar hi kienet l-iskola u l-parte ċivile ċemplilha biex jieħu lura l-affarijiet li kien taha. Qaltlu li la tmur id-dar tlestihomlu u ċċempillu hi biex jiltaqgħu u tgħaddihomlu. Qaltlu biex ma jmurx id-dar. Qalet li fil-ħin tal-inċident hi kienet qed tinħasel u semgħet il-bieb iħabbat u semgħet lil missierha jgħajtilha. Qaltlu li diġa' fthemet miegħu biex ma jersaqx 'l hemm u fid-daqqa u l-ħin semgħet ħafna għajjat. Hi niżlet fil-garage tad-dar u sabet lil missierha muġugħ u lil ommha tipprova tgħin kif tista. Bdiet itpprova timbotta lill-*parte ċivile* biex joħroġ u l-akkużat beda jgħidlu biex jitlaq 'l barra u jħalliehom bi kwiethom. Il-*parte ċivile* kellu ċavetta f'idejħ u beda jhedded lil missierha bi kliem bħal "noqtlok! Noqtlok! Għadek ma tafx x'inħu ġej għalikom! Il-kbir għadu ġej! Ħajjitkom nagħmilhilekom miżerja! M'inix se nħallikom tgħixu bi kwietkom!". Qalet li hi sofriet xi ġrieħi ħfief meta imbottat lill-*parte ċivile* 'l barra. Qalet li ċemplet lill-ambulanza li ġiet ftit wara. Qalet li ma kienx hemm demm u li anke ġew il-pulizija. Mistoqsija dwar kif ġiet nieqsa widnet il-*parte ċivile*, qalet li ma tafx għax ma ratx ix-xena. Qalet li l-*parte ċivile* kien bgħatt xi messaġġi bil-media soċjali kemm lilha kif ukoll lil sħabha u ppreżentat sett ta' messaġġi pprintjati.

Illi t-tabib Dr Joseph Galea xehed[10] li hu eżamina lil Lawrence Galea iċ-ċentru tas-saħħa Victoria u ra li kellu ferita fil-widna tax-xellug u kellu parti mill-widna t'isfel nieqsa. Kellu wkoll uġieħ fil-polz tal-lemin imma ma kienx hemm sinjali kliniċi ta' ksur. Dwar kif seħħet il-ferita f'widejn il-*parte ċivile*, qal li ma setax jgħid b'ċertezza minn xiex ġiet ikkawżata però huwa diffiċli li taħbat widnejk ma xi ħaġa u taqtagħha kompletament barra.

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mhux kontradett li l-*parte ċivile* Lawrence Galea u bint l-akkużat Evangelique Sultana kienu f'relazzjoni flimkien u f'xi żmien qabel it-30 ta' Ġunju 2017 din ir-relazzjoni ntemmet mill-istess Sultana. Jirriżulta paċifiku wkoll li dakinhar tal-inċident għall-ħabta tas-2.30pm, il-*parte ċivile* mar id-dar tagħha

[9] Ara x-xhieda mogħtija fit-03 ta' Lulju 2018, a fol. 81 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xhieda mogħtija fis-16 ta' Novembru 2017, a fol. 12 tal-atti proċesswali.

sabiex jiġbor l-affarijiet li kien taha waqt ir-relazzjoni. Jirriżulta wkoll li l-inċident *de quo* seħħ fil-garage tad-dar u li l-bieb infetaħ mill-akkużat. Jirriżulta bħala stat ta' fatt li l-*parte ċivile* dakinhar tilef parti minn widnejħ. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-pulizija[11] li l-*parte ċivile* mar l-għassa tal-pulizija ta' Victoria biex jagħmel ir-rapport fit-3.00pm, ċioè nofsiegħa wara l-allegat inċident.

Li m'huwiex ċar, madanakollu, hija d-dinamika ta' dak li tassew seħħ fil-garage tal-akkużat u kif il-*parte ċivile* spiċċa b'parti minn widnejħ imqaċċta. Il-verżjonijiet mogħtija mill-*parte ċivile* fuq naħa u mill-akkużat u l-familjari tiegħu fuq l-oħra huma diametrikament opposti. In suċċint, il-*parte civile* jgħid li hekk kif ħabbat il-bieb u raħ l-akkużat, l-akkużat ħebb għaliħ u qallu biex jitlaq 'l barra għax jaqtagħlu rasu barra. L-akkużat u l-familjari tiegħu, mill-banda l-oħra, jgħidu li l-*parte ċivile* ħebb għall-akkużat u qabad itiħ filwaqt li l-akkużat ipprova jkeċċieħ 'l barra. Huma jgħidu li ma jafux kif il-*parte ċivile* spiċċa biex tilef parti minn widnejħ għajr li jista jkun li tilifha mal-bieb, peress li kienu qed jimbuttawħ. Min-naħa tiegħu, il-*parte ċivile* jgħid li l-akkużat gidimlu widnejħ u raħ b'ħalqu kollu demm, ra ħafna demm ma l-art u ra biċċa minn widnejħ ma' l-art.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti trid tiddetermina x'wassal biex il-*parte ċivile* jitlef parti minn widnejħ. F'dan is-sens, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker,** [12] fejn jingħad illi:-

> *"It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*."

Illi fid-dawl ta' dan il-bran u fid-dawl tal-verżjonijiet konfliġġenti fir-rigward, jeħtieġ li l-Qorti tistrieħ fuq provi oġġettivi dwar din il-ferita. Dr Joseph Galea għalkemm xehed li ma setax jiddetermina b'ċertezza l-kawża ta' din il-ferita, eskluda t-teżi

[11] Ara Dok ST 1 a fol. 40 tal-atti proċesswali.
[12] Estratt meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Tyson Grech**, 29 ta' Settembru 2021, Qorti tal-Maġistrati (Każ Nru 539/2019 RM).

tal-akkużat li din seħħet meta ħabat ma xi ħaġa li taqta'. Dr Michael Refalo, min-naħa tiegħu, jikkonferma illi l-ferita għandha l-forma semi-ċirkulari b'dijametru ta' 1.6cm u t-toqba tal-misluta għadha intatta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ix-xhieda xxejjen għal kollox it-teżi tal-akkużat u ta' martu li din il-ferita setgħet seħħet meta l-*parte ċivile* ħabat mal-bieb huwa u jiġi mbuttat 'l barra. Fl-ewwel lok, il-forma stess tal-ferita hija kompatibbli mal-forma tal-parti frontali ta' ħalq uman, ossija semi-ċirkulari u, fit-tieni lok, ma tressqet ebda prova, imqar sal-grad tal-probabbli, li l-bieb *de quo* kellu xi parti minnu li kienet jew setgħet taqta'.

Illi l-akkużat u x-xhieda in difeża jgħidu li ma kienx hemm demm ma' l-art hekk kif telaq il-*parte ċivile*. Di più, PS 688 Josmar Muscat ġie mistoqsi jekk rax demm meta mar fuq il-lok u rrisponda fin-negattiv. Ta min jinnota, però illi s-surġent mar fil-fond wara informazzjoni li rċieva waqt li kien qiegħed jagħmel ir-ronda, liema informazzjoni neċessarjament waslet għandu wara li kien telaq mill-fond il-*parte ċivile*. Filfatt meta s-surġent mar fuq il-post, ra li l-*parte ċivile* ma kienx hemm. Fil-fehma tal-Qorti, il-ħin ta' bejn li telaq il-*parte ċivile* mil-lok biex jagħmel ir-rapport u l-ħin li fiħ wasal is-surġent fuq il-post ta biżżejjed opportunità għat-tindif tal-ambjenti fejn seta waqa' d-demm.

Illi għalhekk, jirriżulta lil din il-Qorti illi l-verżjoni mogħtija mill-*parte ċivile* hija aktar verosimili minn dik offruta mill-akkużat dwar kif tqaċċtet parti minn widnet il-*parte ċivile* u l-Qorti ma tara ebda raġuni għalxiex m'għandhiex tistrieħ fuq il-verżjoni tiegħu dwar kif realment seħħet il-ferita. Dan il-ħsieb huwa anke *in linea* mal-prinċipju li xhud wieħed, jekk emnut sal-grad tal-konvinċiment morali, huwa biżżejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara ħtija.[13]

Ikkonsidrat;

Illi imiss issa li l-Qorti tistabbilixxi kif ġiet skatenata din l-aggressjoni, ossija min kien il-persuna li l-ewwel beda din it-taqbida. Illi l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet huma konfliġġenti fis-sens li l-akkużat u martu jgħidu li kien il-*parte ċivile* li aggredieħ l-ewwel filwaqt li l-*parte ċivile* jgħid li kien l-akkużat li l-ewwel aggredieħ.

---

[13] Ara f'dan is-sens, **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar**, 16 ta' Marzu 2001, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, iż-żewġ verżjonijiet mogħtija għandhom l-istess probabiltà fis-sens li huma verżjonijiet mogħtija bil-ġurament u m'hemm ebda prova oġġettiva li tiffavorixxi verżjoni fuq oħra. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni u bl-applikazzjoni tal-grad tal-prova rikjest fil-proċeduri penali, ossija dik ta' "lilhinn minn kull dubju raġjonevoli" fir-rigward tal-prosekuzzjoni u dik tal-"livell ta' probabilità" fir-rigward tad-difiża, il-Qorti għandha tistrieħ fuq il-verżjoni mogħtija mid-difiża stante li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lilhinn minn kull dubju raġjonevoli li kien l-akkużat li attakka lill-*parte ċivile* l-ewwel. B'hekk, b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, jirriżulta lill-Qorti illi l-parte ċivile attakka lill-akkużat l-ewwel.

Ikkonsidrat;

Illi fid-difiża tiegħu, l-akkużat iqajjem it-teżi ta' "leġittima Difesa". Jissottometti li hu safa' aggredit f'daru u li ma kellu ebda għażla oħra għajr li jiddefendi lilu nnifsu mill-attakk tal-*parte ċivile*.

Illi dwar l-elementi ta' din id-difiża, il-Qrati tagħna kellhom diversi opportunitajiet sabiex jistabbilixxu l-ingredjenti meħtieġa għas-suċċess tagħha. F'dan is-sens, il-Qorti qed tagħmel tagħha l-insenjament mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila**[14] fejn intqal illi:

> "*Fil-leġittima difiża trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja ta' l-istess, bl-aġir ta' l-agressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta din it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu immininenti...*
>
> *...Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difiża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex dina l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Ċjoé it-theddid*

[14] **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, 20 ta' Jannar 1995, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).

*ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri il-periklu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dina tista' tagħti lok biss għal provokazzjoni u mhux difiża leġittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, ċioé li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta għamel jew xi jmissu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difiża bl-użu tal-forza."*

Illi b'żieda ma dan, fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[15] il-Qorti rriteniet illi:-

"*46. Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata*

*... omissis...*

*50. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-<u>mument tal-agressjoni</u> u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.*

[15] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**, 3 ta' Ottubru 2018, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), para. 46.

*... omissis...*

52. *Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu."*

Illi b'hekk, jirriżulta dottrinalment li l-elementi meħtieġa li jkunu sodisfatti għas-suċċess ta' din id-difiża huma li l-attakk irid ikun wieħed (i) inġust, (ii) gravi u (iii) inevitabbli. Di più, t-theddida li biha qed jiġi affrontat l-aggredit trid tkun waħda attwali u eżaminata mill-*punto di vista* tal-aggredit filwaqt li r-reazzjoni tiegħu għall-perkilu trid tkun waħda proporzjonata għall-minaċċja affrontata.

Illi dwar l-ewwel element, ossija dik li l-attakk irid ikun inġust, il-Qorti hija tal-fehma li l-attakk mwettaq mill-akkużat huwa wieħed inġust. L-akkużat kien qiegħed għall-kwiet fil-propjetà tiegħu meta din l-aggressjoni seħħet mingħajr ma hu stedinha. Dan l-attakk huwa aktar aggravat bil-fatt li l-stess akkużat taħ diversi ordnijiet biex jitlaq mill-propjetà tiegħu, liema ordnijiet ġew injorati mill-akkużat.

Illi dwar il-gravità ta' dan l-attakk, il-Qorti tinnota illi, skont il-verżjoni tal-akkużat, il-*parte ċivile* ħebb għaliħ u tefgħu ma' l-art ben tlett darbiet u qabad itieħ bis-sieq. Jingħad ukoll li din l-aggressjoni pperdurat fuq ammont ta' ħin, mhux bħal meta, per eżempju, bniedem jingħata daqqa ta' ponn u jitlaq.

Illi dwar l-inevitabilità tal-attakk, il-Qorti tqis li ladarba l-attakk seħħ fil-propjetà tal-akkużat, dan ftit kellu fejn jaħrab. Għalkemm wieħed jista' oġġettivament jargumenta li l-akkużat seta' jaħrab f'xi parti oħra tad-dar jew garage, fil-verità l-akkużat ma setax jabbanduna ambjent mid-dar tiegħu u jħalli lill-akkużat hemm, fid-dagħdiha li kien. Ukoll, jiġi senjalat li hemm differenza sostanzjali bejn l-età

tal-akkużat u dik tal-*parte ċivile* u għalkemm il-*parte ċivile* seta' kellu ċerta ħeffa fl-azzjonijiet tiegħu, l-akkużat ma setax ikun daqshekk ħafif.

Illi dwar l-element tal-istantanjetà, jirriżulta lill-Qorti illi l-inċident seħħ hekk kif l-akkużat fetaħ il-bieb. Din ma kienitx reazzjoni ta' xi inċident li seħħ f'xi ħin qabel, iżda  kienet reazzjoni li seħħet immedjatament mal-attakk.

Finalment, dwar l-aħħar element rikjest, ċioè dak tal-proporzjonalità, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut minn Sir Anthony Mamo, fin-noti tiegħu fejn jgħid[16]:

> *"A person, while engaged in self-defense or in carrying out an act which the law enjoins or permits, may exceed the bounds of moderation and an injury to life or limb may ensue. This, according to the general principles of the law, is an offence. It constituted what in Italian law is styled '<u>Un eccesso di difesa</u>' or '<u>Un eccesso nell'esercizio dei propri doveri…….</u>' As a rule, when any similar excess is committed, the persons convicted of such an excess are dealt with as a person who commits an excusable homicide or an excusable bodily harm……To give an instance, if a person can defend himself and avoid danger by wounding his assailant or maiming him, he would not be justified in killing him, even though he be the victim of an assault." (Debates, Vol XXXIII, cl. 148).*

Illi l-Qorti tqis li għalkemm l-attakk kien wieħed inġust, gravi u inevitabbli, jibqa' l-fatt li l-*parte ċivile* attakka lill-akkużat bil-forza ta' ġismu, ċioè b'idejħ u b'saqajħ u ma kellu ebda arma propja jew impropja. L-akkużat u x-xhieda in difesa jgħidu li l-akkużat kellu ċavetta f'idejħ u kien qed jattakkhom biha. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-*parte ċivile*  bil-fatt li l-akkużat kellu ċavetta f'idejħ, din ma tammontax għal xi għodda jew arma li setgħet tiffaċilita l-ikkawżar ta' debilità serja. Għalkemm l-akkużat jgħid li b'riżultat ta' dan l-attakk nqatgħulu tlett ligamenti minn irkopptejħ, wieħed minnhom b'mod permanenti, hu ma ressaq ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

---

[16] Prof Sir A. J. Mamo, Notes on Criminal Law, Vol. II, pġ 238

Illi b'hekk, għalkemm il-Qorti tara li l-akkużat safa' aggredit inġustament, ma tressqet ebda prova li l-aggressjoni kienet ta' portata li l-unika mod biex l-akkużat jaħrabha kien li jikkawża ferita ta' natura gravi fuq il-*parte civile*. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti id-difiża promossa mill-akkużat ma kienitx proporzjonata ma' l-aggressjoni offerta mill-akkużat u għaldaqstant, il-Qorti qed issib illi l-akkużat eċċeda l-limiti imposti mill-leġittima difiża.

Ikkonsidrat;

Illi l-Artikolu 230(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta jistipola illi l-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(d), liema Artikolu 227(d) jistipola illi l-omiċidju volontarju hu skużabbli jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, <u>toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi</u> jew mill-awtorità. Finalment, l-Artikolu 233 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali jistipola l-piena applikabbli għal min jinstab ħati ta' reat skużabbli fil-każ ta' offiża gravi hija dik ta' priġunerija  għal żmien mhux aktar mit-terz tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ser tieħu kont tal-fatt li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef idejh mal-ġustizzja u li l-aggressjoni saret mingħajr il-ħtija tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-Qorti tqis ukoll li l-akkużat wera ċerta spavalderija fir-reazzjoni tiegħu għall-attakk, liema spavalderija kkaġunat ġerħa serja u permanenti fil-widna tal-*parte ċivile* u li jeħtieġ li jsir intervent kirurġiku fuq il-*parte ċivile* sabiex din il-ġerħa tiġi normalizzata. B'hekk, il-piena għandha ssib bilanċ bejn is-serjetà tal-ġerħa kkawżata u d-difiża tal-akkużat, għalkemm sproporzjonata, għall-attakk.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a) (kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018), 412Ċ u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Lawrence Sultana <u>ħati</u>** tal-

akkuża dedotta kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 223, 227(d), 230(d), 233(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundannaħ għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn (2) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-akkużat, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Lawrence Galea għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum.

Finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jħallas is-somma ta' mija u għoxrin ewro (€120) rappreżentanti spejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti u/jew periti liema pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**